# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-10 t'Ottubru 2023**

**Rikors Nru : 387/2023JPG**

**Kawza Nru : 16**

**GG**

**vs**

**AG u b'digriet tal-11 ta' Settembru 2023 il-kunjom G jrid jinqara B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attur datat 10 ta' Lulju 2023 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet ccelebraw iz-zwieg taghhom nhar it-tnax ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (12.05.2017) fil-Knisja tat-Twelid tal-Madonna, l-Imtahleb, ir-Rabat Malta, liema zwieg huwa rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u jgib in-numru progressiv elf mija sitta u sittin tas-sena elfejn u sbatax (1166/2017). (Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala* ***Dokument A****);*

2. *Illi l-konvivenza matrimonjali bejn il-partijiet giet reza impossibli u dana minħabba ragunijiet serji illi huma sufficjenti fil-ligi ghall-ottjeniment ta' separazzjoni personali u*

*dana skont il-Liġijiet Ċivili ta' Malta, tant li l-partijiet effettwaw is-separazzjoni personali tagħhom;*

3. *Illi fil-fatt l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarju fl-atti tan-Nutar Dottor Josef Christian Masini Vento datat is-sitt jum ta' April tas-sena elfejn u tmintax (06.04.2018) (hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'B');*

4. *Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx ulied;*

5. *Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet kienu reċiprokament u rrevokabbilment irrinzunjaw għad-dritt li jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin;*

6. *Illi għaddew ferm aktar minn sena (1) mis-sentejn (2) preċendenti għall-intavolar ta' dan ir-rikors, illi fihom l-partijiet ilhom jgħixu separatament minn xulxin, u dana ai termini tal-artikolu 66B(a) tal-Kodiċi Ċivili, u ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

7. *Illi għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-liġi għall-ħall taż-żwieg u għad-divorzju tal-partijiet.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti GG, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li ż-żwieġ tieghu mal-intimata AB bħala maħlul, u li l-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan ikun irregistrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi;*

*U dana salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun, bl-ispejjez ghandhom jigu ssopportati ugwalment bejn il-partijiet.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 7 ta' Settembru 2023 (Vide Fol 23) li taqra hekk:

> *Illi preliminarjament, l-esponenti tirrileva illi sussegwenti ghas-separazzjoni taghhom, nhar it-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-partijiet iffirmaw emenda ghall-istess separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana, permezz ta' liema l-esponeneti ghazlet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe B.*
>
> *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti taqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u taqbel mal-premessi kollha tar-rikors guramentat.*
>
> *Illi madankollu hija ma ghandhiex tbati spejjez ta' din il-procedura.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat ir-rikors tal-intimata datat 7 ta' Settembru 2023 ghall-korrezzjoni f'kunjomha u d-digriet ta' din il-Qorti datat 11 ta' Settembru 2023 li permezz tieghu laqghet it-talba.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 12) illi l-partijiet izzewgu nhar it-12 ta' Mejju 2017, u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied. Sostna illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 6 t'April 2018 in atti tan-Nutar Dr Josef Christian Masini Vento. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**AB xehdet** (vide fol 25) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha u spjegat li l-partijiet

ilhom jghixu separatament ghal sitt snin.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Mejju 2017, liema zwieg jgib certifikat numru 1166/2017 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 6 t'April 2018 in atti tan-Nutar Dottor Josef Christian Masini Vento. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1166/2017 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**